

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 26 tal-kodiċi tal-VAT jikser l-Artikolu 11 A(1)(a) tas-Sitt Direttiva tal-VAT <sup>(1)</sup>, li issa huwa inkluż fl-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE <sup>(2)</sup>, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u l-prinċipju ta' newtralità tal-VAT, jekk din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-VAT hija dovuta fuq spejjeż jew ammonti li jistgħu kuntrattwalment jiġu allokati lill-kontroparti, li madankollu ma humiex hekk allokati?

<sup>(1)</sup> Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU L 34, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London (ir-Renju Unit) fit-22 ta' Frar 2011 — Secretary of State for the Home Department vs Muhammad Sazzadur Rahman, Fazly Rabby Islam, Mohibullah Rahman**

(Kawża C-83/11)

(2011/C 145/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Secretary of State for the Home Department

Konvenuti: Muhammad Sazzadur Rahman, Fazly Rabby Islam, Mohibullah Rahman

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE <sup>(1)</sup> jeżiġi li Stat Membru jagħmel dispożizzjonijiet leġiżlattivi sabiex jiffaċilita d-dħul u/jew ir-residenza fi Stat Membru għall-kategorija ta' membri oħra tal-familja li ma humiex ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10(2)?

(2) Jista' membru ieħor tal-familja kif imsemmi fid-Domanda 1 jinvoka l-applikabbiltà diretta tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE fil-każ li huwa ma jkunx jista' jissodisfa xi rekwiżiti imposti minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali?

(3) Il-kategorija ta' membri oħra tal-familja li msemmija fl-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tirreferi biss għal dawk li rrisjedew fl-istess pajjiż bħaċ-ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu jew tagħha, qabel maċ-ċittadin tal-Unjoni jkukn wasal fl-istat ospitanti?

(4) Id-dipendenza msemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE, li jinvokaw membri oħra tal-familja sabiex jiksibu dħul fl-istat ospitanti trid tkun dipendenza li eżistiet qabel maċ-ċittadin tal-Unjoni ikun mar jgħix fl-istat ospitanti?

(5) Stat Membru jista' jimponi rekwiżiti partikolari, fir-rigward tan-natura jew tat-tul taż-żmien tad-dipendenza msemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE minn tali membru tal-familja, sabiex jipprevjeni tali dipendenza milli tiġi simulata jew mhux neċessarja sabiex tagħmilha possibli għal persuna li ma hijiex ċittadin li titħalla tidħol fil-pajjiż jew tkompli tirrisjedi fit-territorju tiegħu?

(6) Id-dipendenza li l-membru l-ieħor tal-familja jinvoka sabiex jitħalla jidħol fl-Istat Membru għandha tkompli għal perijodu, jew b'mod indefinit fl-istat ospitanti, sabiex tinħareġ karta ta' residenza jew sabiex din tiġġedded skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/38/KE, u jekk iva kif għandha tiġi pprovata din id-dipendenza?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fl-24 ta' Frar 2011 — Marja-Liisa Susisalo, Olli Tuomaala, Merja Ritala**

(Kawża C-84/11)

(2011/C 145/13)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja).

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Marja-Liisa Susisalo, Olli Tuomaala, Merja Ritala.